



## Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, l-10 ta' Novembru 2020

# Kontijiet tal-UE għall-2019: nodfa, iżda wisq żbalji ta' nfiq

Fir-Rapport Annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2019, ippublikat illum, l-awdituri jiċċertifikaw il-kontijiet tal-UE bħala li jagħtu “stampa vera u ġusta” tal-pożizzjoni finanzjarja tal-UE. Fl-istess ħin, huma jikkonkludu li l-pagamenti kienu milquta minn wisq żbalji, prinċipalment fil-kategorija kklassifikata bħala “nfiq b’riskju għoli”. F’dan l-isfond, u minkejja titjib f’ċerti oqsma ta’ nfiq, l-awdituri qed joħorġu opinjoni avversa dwar l-infiq. Huma jieħdu wkoll l-opportunità biex jenfasizzaw il-ħtieġa li jkun hemm ġestjoni robusta u effiċjenti tal-pakkett finanzjarju li dwaru kien intlaħaq qbil b’reazzjoni għall-kriżi tal-coronavirus, li permezz tiegħu l-infiq tal-UE se jirdoppja fil-ftit snin li ġejjin.

Il-livell kumplessiv ta’ irregolaritajiet fl-infiq tal-UE baqa’ relattivament stabbli, f’rata ta’ 2.7 % fl-2019, meta mqabbel ma’ 2.6 % fl-2018. Hemm ukoll elementi pożittivi fl-infiq tal-UE, bħall-iżvilupp fir-riżorsi naturali u riżultati sostnuti fl-amministrazzjoni. Madankollu, dovut għall-mod kif il-baġit tal-UE huwa kompost u kif dan jevolvi matul iż-żmien, l-infiq b’riskju għoli fl-2019 jirrappreżenta aktar minn nofs l-infiq awditjat (53 %), li hija żieda meta mqabbel mal-2018. Dan għandu x’jaqsam prinċipalment ma’ pagamenti bbażati fuq rimborżi, pereżempju fl-oqsma tal-koeżjoni u tal-iżvilupp rurali, fejn l-infiq tal-UE jiġi mmaniġġjat mill-Istati Membri. Ta’ sikwit, l-infiq b’riskju għoli jkun suġġett għal regoli, u kriterji ta’ eliġibbiltà, li jkunu kumplessi. F’din il-kategorija, qed ikompli jkun hemm żball materjali f’rata stmata ta’ 4.9 % (2018: 4.5 %). Billi kkonkludew li l-livell ta’ żball huwa pervażiv, għaldaqstant l-awdituri taw opinjoni avversa dwar l-infiq tal-UE.

L-awdituri qed jieħdu l-opportunità li jħarsu ’l quddiem. F’Lulju 2020, il-Kunsill Ewropew laħaq ftehim politiku li jikkombina l-baġit tal-UE għall-perjodu 2021-2027 ma’ strument ta’ rkupru temporanju, in-“Next Generation EU”, li jindirizza l-impatti ekonomiċi u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19. B’riżultat ta’ dan, fil-ftit snin li ġejjin, l-infiq tal-UE se jkun sinifikattivament ogħla.

*“L-opinjoni avversa tagħna dwar l-infiq tal-UE għas-sena 2019 hija tfakkira li aħna neħtieġu regoli ċari u sempliċi għall-finanzi kollha tal-UE – u li neħtieġu wkoll kontrolli effettivi dwar kif il-flus qed jintefqu u dwar jekk ir-riżultati intenzjonati humiex qed jinkisbu”, qal Klaus-Heiner Lehne, il-President tal-QEA. “Dan huwa partikolarment importanti minħabba l-fond ta’ rkupru ppjanat biex jiġu miġġielda l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19. F’dawn iż-żminijiet ta’ kriżi, il-*

*L-iskop ta’ din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport annwali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.*

*Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu).*

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

*Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom responsabbiltà tremenda biex jimmaniġġjaw il-finanzi tal-UE b'mod tajjeb u effiċjenti."*

Sadanittant, l-Istati Membri kienu qed jassorbu l-fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) b'ritmu li baqa' aktar bil-mod milli ppjanat. Sa tmiem l-2019, li kienet is-sena ta' qabel tal-aħħar tal-baġit attwali ta' seba' snin, kienu tħallsu biss 40 % (EUR 184 biljun) tal-finanzjament maqbul tal-UE għall-perjodu 2014-2020, u xi wħud mill-Istati Membri kienu użaw inqas minn terz. Dan serva biex ikabbar l-impenji pendenti, li sa tmiem l-2019 kienu laħqu l-EUR 298 biljun, jiġifieri l-ekwivalenti ta' kważi żewġ baġits annwali. Is-sitwazzjoni gābet sfidi u riskji addizzjonali minħabba l-ħtieġa li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jagħtu żmien addizzjonali biex isir assorbiment fil-perjodu baġitarju ġdid.

### **Informazzjoni ġenerali**

Fl-2019, l-infiq tal-UE ammonta għal total ta' EUR 159.1 biljun, li huwa l-ekwivalenti ta' 2.1 % tal-infiq pubbliku tal-Istati Membri u 1.0 % tal-introjtu nazzjonali gross tal-UE. "Riżorsi naturali" kkostitwiet l-akbar sehem ta' fondi awditjati (47 %), l-infiq fuq "Koeżjoni" kien jirrappreżenta 23 % u "Kompetittività" kienet tirrappreżenta 13 %. Madwar żewġ terzi tal-baġit jintefaq taħt "ġestjoni kondiviża", fejn huma l-Istati Membri li jiddistribwixxu l-fondi, jagħżlu l-proġetti u jimmaniġġjaw l-infiq tal-UE.

Kull sena, l-awdituri jawditjaw id-dħul u l-infiq tal-UE, filwaqt li jeżaminaw jekk il-kontijiet annwali humiex affidabbli, u jekk it-tranżazzjonijiet tal-introjtu u tal-infiq jikkonformawx mar-regoli applikabbli fil-livell tal-UE u f' dak tal-Istati Membri.

Il-kontijiet tal-UE jitħejjew billi jiġu applikati regoli kontabilistiċi bbażati fuq l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku, u jippreżentaw il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni fi tmiem is-sena finanzjarja preċedenti, kif ukoll il-prestazzjoni finanzjarja matul dik is-sena. Il-pożizzjoni finanzjarja tal-UE tinkludi l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-entitajiet konsolidati tagħha fi tmiem is-sena, kemm fuq terminu qasir kif ukoll fuq terminu twil.

Opinjoni "favorevoli" tfisser li ċ-ċifri jippreżentaw stampa vera u ġusta u jsegwu r-regoli tar-rappurtar finanzjarju. Opinjoni "kwalifikata" tfisser li l-awdituri ma jistgħux jagħtu opinjoni favorevoli, iżda li l-problemi identifikati mhumiex pervażivi. Opinjoni "avversa" tindika problemi mifruxa.

Sabiex ikunu jistgħu jaslu għal din l-opinjoni tal-awditjar, l-awdituri jittestjaw kampjuni ta' tranżazzjonijiet biex jipprovdu stimi bbażati fuq l-istatistika ta' kemm id-dħul u l-oqsma differenti ta' nfiq ikunu milquta minn żball. Huma jqabblu l-livell ta' żball stmat ma' soll ta' 2 %, jiġifieri r-rata li l' fuq minnha d-dħul irregolari jew l-infiq irregolari jittqies li jkun materjali. Il-livell ta' żball stmat mhux kejl ta' frodi, ta' ineffiċjenza jew ta' ħela: huwa stima tal-flus li ma kellhomx jitħallsu peress li ma ntużawx f'konformità sħiħa mar-regoli tal-UE u ma' dawk nazzjonali.

Il-QEA hija l-awditur indipendenti estern tal-Unjoni Ewropea. Ir-rapporti u l-opinjonijiet tagħha huma element essenzjali tal-katina ta' obbligu ta' rendikont tal-UE. Dawn jintużaw biex jintalab rendikont mingħand dawk li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE: il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE, u l-amministrazzjonijiet fl-Istati Membri. Il-QEA twissi dwar riskji, tipprovdi aċċertament, tindika nuqqasijiet u prassi tajba, u toffri gwida lil dawk li jfasslu l-politika u lil-leġislaturi dwar kif jistgħu jtejjbu l-ġestjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE.

Ir-Rapport Annwali dwar il-baġit tal-UE, ir-Rapport Annwali dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp u d-dokument sommarju "2019 - Awditu tal-UE fil-qosor" huma disponibbli fuq: [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

Fit-13 ta' Novembru, għall-ewwel darba l-QEA se tippubblika rapport dwar il-prestazzjoni kumplessiva tal-baġit tal-UE.